

Brussell, 27 ta' Frar 2026
(OR. en)

6679/26

ESPACE 31
RECH 76
COMPET 232
IND 135
TRANS 98
AVIATION 27
MAR 26
TELECOM 89
CSC 136
CSDP/PSDC 106
COEST 171

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għal servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura - Adozzjoni

1. Fit-28 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura¹.

¹ 14687/25 + ADD1.

2. Id-deċiżjoni tippermetti lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Ukrajna rigward il-parteċipazzjoni tagħha fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-UE u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura u sabiex l-Ukrajna tingħata aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm għal Konnettività Sigura. L-iskop tan-negozjati huwa li jintlaħaq ftehim li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-Ukrajna għal din il-parteċipazzjoni.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju ġie infurmat dwar il-proposta u eżaminaha fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Novembru 2025. Ġiet organizzata proċedura bil-miktub li għalqet fit-18 ta' Novembru 2025, u li warajha waslu l-kummenti ta' żewġ delegazzjonijiet. Xi emendi għall-proposta inizjali ġew issuġġeriti biex jittieħed kont ta' dawk il-kummenti u biex it-test jiġi allinjat mal-lingwaġġ standard, u ġew iċċirkolati lid-delegazzjonijiet.
4. L-abbozz ta' deċiżjoni jispeċifika li r-rwol tal-kumitat speċjali, li l-Kummissjoni għandha tikkonsulta matul in-negozjati mal-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE, jenħteġ li jiġi eżerċitat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għal servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi ta' GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, kif rivedut mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 6142/26, kif ukoll id-direttivi għan-negozjati kif jinsabu fid-dokument 6142/26 ADD 1.
6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u d-Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjati ser jintbagħtu lill-Parlament Ewropew.
7. Id-deċiżjoni tal-Kunsill ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.